**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 01/11(27_01_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-20 ta' Jannar 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Estimi Finanzjarji 2011.
6. Laqgħa tal-Lokalita'.
7. Memo 45/2010 – *Public Private Partnership* fuq Toroq.
8. Karnival fil-Munxar 2011.
9. Monument u Ġieħ lill-Professur Ġuże' Aquilina.
10. Talba ta' l-Arka Foundation.
11. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
12. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
13. Rapport tas-Sindku.
14. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
15. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
16. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 1/2011 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), li hija rigward 'Insaħħu l-Komunita' Riġenerazzjoni f' Oqsma tal-Bini tal-Gvern'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 2/2011 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), li hija rigward 'Proċess ta' *Digital Switchover*'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 3/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 22696 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li daħħlu magħhom fis-sena 2009, 2010 u 2011 impjegati direttament minn barra s-sistema fejn l-ewwel jintalbu persuni mill-Kunsilli Lokali stess, imbagħad mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 4/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 22697 rigward dawk l-impjegati mal-Kunsilli Lokali *full-time* li ddaħħlu f' dawn l-aħħar 12-il xahar u fl-istess waqt dawn il-persuni qed jagħtu servizz taħt forma ta' kuntratt lill-istess Kunsill li impjegahom.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 5/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Direttur Ġdid għall-Gvern Lokali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 6/2011 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), li hija rigward 'Struzzjonijiet dwar l-Attivitajiet Parzjalment Finanzjati mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet (Memo 95/2010).

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 7/2011 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), li hija rigward 'Reviżjoni fl-Onorarja'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 8/2011 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), li hija rigward 'Emenda għal Memo 122/2010 Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 9/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabbilta' ta' Librerija Lokali'.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċjal Inkarigat mill-Kultura, Ministeru għal Għawdex rigward il-'Karnival Reġjonali t' Għawdex 2011'.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo SPCA rigward offerta mid-Dogs Trust u l-SPCA fejn qegħdin joffru b' xejn kontroll tas-saħħa, tilqima, kura preventiva kontra l-briegħed u d-dud kif ukoll tiswija u *micro-chipping* lill-klieb.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fid-19 ta' Novembru 2010 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera. Irċieva wkoll mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex il-Minuti tar-raba' laqgħa li saret fid-19 ta' Novembru 2010 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Laqgħa fuq Sigurta' fil-*Playgrounds* tal-Lokalitajiet tagħna' fl-4 ta' Frar 2011, fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, l-Minuti tal-laqgħa tat-22 u 23 t' Ottubru 2010, id-dokument ta' diskussjoni dwar it-taħriġ u l-programm tal-laqgħa tas-Sindki tal-21 u 22 ta' Jannar 2011, fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Festa Ġemellaġġi 2011'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki rigward 'Invitation for the Final Conference for the LdV Project: Validating Learning for an Inclusive Society (INLearning)' fil-21 ta' Jannar 2011, f' The Palace Hotel, Sliema.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Organizzazzjoni The Autism Team rigward l-'Autism Open Windows Seminar' fil-5 ta' Frar 2011, fl-Arka Foundation, Għajnsielem.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport rigward l-'SportMalta Awards – L-Għażliet Sportivi Nazzjonali' fid-29 ta' Jannar 2011.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA, il-lista ta' applikazzjonijiet li rċeviet u li ġew *validated* riċentament mill-Malta Environment and Planning Authority (MEPA) fil-lokalita' tal-Munxar.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-*Project Coordinator*, MITA (Malta Information Technology Agency) rigward is-'Second Call for the Second Step Training Programme'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LIFE+ Malta rigward il-'LIFE+ 2011 Information Session – Malta fl-4 ta' Marzu 2011, fl-EU Representation, Valletta.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-BirdLife Malta dwar EU Life+ Project on Bird Migration and Trapping. Hemm il-ħsieb li jorganizzaw laqgħa man-nassaba mil-lokalita' u għaldaqstant jixtiequ li jiltaqgħu ma' Rappreżentanti tal-Kunsill Lokali tal-Munxar sabiex tiġi diskussa l-possibilta' li l-Kunsill jiffaċilita dawn il-laqgħat billi dawn il-laqgħat isiru fil-Kunsill Lokali u jiġu avżati mill-istess Kunsill.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand turist li kien alloġġjat fil-Lukanda St. Patrick's fejn qed jilmenta dwar informazzjoni li waslitlu li ser jinqalgħu s-siġar ta' ġol-*Parking* tax-Xlendi sabiex jitneħħew l-għasafar mis-siġar. Jekk jiġri hekk ser ikun ta' dannu għal-lukanda. Qed jilmenta wkoll dwar l-indafa fix-Xlendi peress li qed ikun hemm *littering* u *dumping*.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba mingħand proprjetarju ta' razzett fi Triq ta' Bardan fejn qed jitlob sabiex issir bozza ma' arblu jew mar-razzett tiegħu peress li t-triq għaddejja minn ġol-barriera u fid-dlam huwa perikoluż. Il-Kunsill kien ser jikkuntatja lill-Inġinier Renzo Curmi sabiex jara jekk din tistax issir.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident li qed jitlob kumpens għall-*tyre* li qasam minħabba *road hump* li kien hemm fi Triq Ras il-Bajjada. Huwa qed jirrifjuta li jagħmel rapport lill-Pulizija għax qatt ma ħaseb li kellu obbligu li għamel rapport fuq xi ħaġa daqshekk frivola.
Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex nikkonfermaw jekk il-Kunsill jistax jagħti kumpens mingħajr ma jsir rapport lill-Pulizija.

3.05 Il-Kunsill irċieva rapport tal-Perit Edward Said dwar xogħlijiet ta' restawr li hemm bżonn li jsiru fit-Torri tax-Xlendi. Dan il-pjan qed jaħdem fuqu l-Kumitat imwaqqaf bejn il-Kunsill Lokali tal-Munxar u Din l-Art Ħelwa. Huwa stmat li x-xogħlijiet jitelgħu għal €135,000 fejn nofs dan l-ammont irid jitħallas mill-Kunsill Lokali tal-Munxar. Il-Kunsill qed japprova dawn ix-xogħlijiet, liema xogħlijiet isiru f' fażijiet.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika li ġiet approvata s-somma ta' €4,500 għall-attivita' Eku mill-Munxar…*dari u llum* – Festival ta' Baned li ser issir f' Mejju 2011.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 01/11(27_01_11).

**5.00 Estimi Finanzjarji 2011.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' l-Estimi Annwali 2011. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2011 għall-Kunsill tal-Munxar ser tkun €205,962 li minnhom hemm €102,691 li huma allokazzjoni għax-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €500 li minnhom hemm €300 mix-Xlendi. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €58,607 li minnhom hemm €25,833 għax-Xlendi. Qed isir estimu ta' €147,247 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €72,552 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**6.00 Laqgħa tal-Lokalita'.**

6.01 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita' ssir fis-17 ta' Frar 2011, fl-4.30 ta' filgħaxija u ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**7.00 Memo 45/2010 – *Public Private Partnership* fuq Toroq.**

7.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jiggarantixxi li matul l-2011 jgħaddi lill-Kunsill nofs il-pagament li jrid isir malli jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* jiġifieri €27,360.60 (nofs l-40% tal-valur kollu stmat tax-xogħol). Qed jiġi ggarantit ukoll illi l-Kunsill jieħu mingħand id-Dipartiment nofs il-pagament li jrid isir f' għeluq is-sena minn meta jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* jiġifieri €13,680.30 (nofs l-20% tal-valur kollu stmat tax-xogħol).
It-toroq li jridu jsiru permezz ta' dan it-*tender* huma: Triq il-Kavallieri, Triq ir-Rumani, Triq bla isem fi Triq il-Qsajjem u Triq ta' Rinota/Andrijiet.
Skont id-*draft* tal-kuntratt anness ma' Memo 45/2010 huwa ċar li l-pagamenti lill-Kuntrattur iridu jsiru 40% malli jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing*, 20% wara l-ewwel sena mit-twettiq tax-xogħol, u wara t-tieni sena l-Kunsill iħallas 10%. Imbagħad għas-sena l-oħra sat-tmien sena, l-Kunsill iħallas 5% kull sena.

**8.00 Karnival fil-Munxar 2011.**

8.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena l-Karnival fil-Munxar isir il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu 2011 wara li tispiċċa l-funzjoni tal-Knisja. F' din is-serata jkun hemm żfin minn kumpaniji tal-Karnival ta' l-Adulti kif ukoll minn skejjel. Din is-sena kull skola titħallas is-somma ta' €100.

**9.00 Monument u Ġieħ lill-Professur Ġuże' Aquilina.**

9.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar kif il-Kunsill għandu jikkommemora l-mitt sena mit-twelid tal-Profs. Ġuże' Aquilina. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel il-bust li hemm ippjanat li jsir fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u jingħata ġieħ. Ġie deċiż ukoll li ssir attivita' fejn tinkixef irħama fuq dar fejn kien jgħix il-Professur Ġuże' Aquilina. Ser issir ukoll bolla kommemorattiva.

**10.00 Talba ta' l-Arka Foundation.**

10.01 Fl-Anniversarju ta' l-Arka Foundation il-Kunsilli qed jiġu mitluba sabiex jorganizzaw xi attivitajiet fil-*premises* tagħhom. Ġie deċiż li tiġi organizzata attivita' għall-anzjani.

**11.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fid-daħla tal-Munxar tħawwlu dawk is-siġar li kienu nieqsa jew mejta. Il-ħaddiema tal-ETC qed inaddfu Ġnien Ragalna mill-ħaxix ħażin. Ħaddiema tal-Works Division għadhom qed jaħdmu fuq ir-restawr ta' l-istatwa ta' Sant' Indrija. Ħaddiema mill-IPSL qed jagħmlu xogħol ta' *markings* fil-Pjazza tal-Knisja.

Fix-Xlendi qed isir il-*Water Culvert* li ser isir mill-bokka tal-wied sa ġol-baħar.

**12.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

12.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi ma kienx preżenti fil-laqgħa peress li talab li jkun skużat.

**13.00 Rapport tas-Sindku.**

13.01 Is-Sindku kien attenda laqgħa organizzata mill-MRRA dwar milli ta' formoli għal fondi 323 u 313. Attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex fejn infetħet it-*tender* għal servizz ta' *Wardens* fejn intefgħu żewġ offerti. Attenda għal-laqgħa tal-Kumitat tar-Reġjun Għawdex fuq enerġija alternattiva għal Għawdex. Saret laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi diskuss il-kordinament bejn il-Ministeru u l-Kumitat Reġjonali.
Is-Sindku flimkien maċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi attendew għal programm dwar ix-Xlendi fuq *Channel* 22.
Is-Sindku attenda għal-laqgħa tas-Sindki.
Is-Sindku Itaqa' mas-Sur David Vassallo mit-Transport Malta fejn ġew spezzjonati r-*road markings* tal-Pjazza tal-Knisja.
Il-Bord li qed jevalwa l-applikazzjoni ta' Eco-Gozo talab xi kjarifiki mingħand il-Kunsill rigward il-Pjazza tal-Knisja.

**14.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

14.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-aħħar laqgħa fejn il-Kunsill ġie informat dwar kemm ser tkun il-*Co-financing* tal-Kunsill fuq Measure 313 u 323. Mill-aħħar laqgħa sa issa kien hemm żvilupp fejn il-Kunsill ma huwa ser iħallas xejn peress li l-*Paying Office* ser tħallas kollox.

**15.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

15.01 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ħajt ta' Triq il-Munxar li kien sfronda u ċint tal-wied li kien ħadu l-maltemp f' Ottubru li għadda. Is-Sindku kellem diversi drabi lill-Perit Portelli peress li dak il-ħajt li sfronda jrid jitranġa mill-Kuntrattur. Iċ-ċint tal-wied jagħmel mal-Kunsill Lokali tal-Fontana u jrid jitranġa minnhom.

**16.00 Materji oħra.**

16.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li rigward il-*Bus Shelter* tal-Pjazza, l-Kumpanija Faces Consultants Ltd. ma għadiex responsabbli minnha u għaldaqstant il-Kunsill irid jitlob lit-Transport Malta.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 28 ta' Frar 2011, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***